MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 1031/2003

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Di Carina Holding Limited, Abdussalam Mohammed Fituri u Mariam Taher Hamza Fituri**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi s-scjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm80,000 kapital misluf lilha permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tat-tnejn ta' Gunju tas-sena elfejn flimkien ma' l-ammont ta' Lm11,083.92, imghaxijiet ta' 8% akkumulati fuq l-imsemmi kapital mid-data tas-self imsemmi sat-28 ta' Jannar, 2003;

in kwantu ghall-ammont ta’ Lm18,788.90 kapital misluf lilha permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tat-tlieta ta’ Awissu tas-sena elfejn u wiehed flimkien ma’ l-ammont ta’ Lm2,083.77, imghaxijiet ta’ 8% akkumulati fuq l-imsemmi kapital mit-3 ta’ Settembru, 2001 sat-22 ta’ Jannar, 2003; in kwantu ghall-ammont ta’ Lm11,801.35 kapital misluf lilha permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tat-tnejn ta’ Gunju tas-sena elfejn flimkien ma’ l-ammont ta’ Lm325.91, imghaxijiet ta’ 8% akkumulati fuq l-imsemmi kapital mill-24 ta’ Settembru, 2002 sat-28 ta’ Jannar, 2003 u dan kif ahjar jirrizulta mill-prospetti annessi (Dok. “X1”  “X2” u “X3”) u mill-kuntratti annessi (Dok. “Z1” “Z2” u “Z3”);

Premess illi l-imsemmi self gie garantit solidament mill-konvenuti Abdussalam Mohammed Fituri u martu Mariam Taher Hamza Fituri, u dan kif jirrizulta mill-kuntratti surreferiti kif ukoll minn zewg gurantee forms datati 2 ta’ Gunju, 2000 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. B) u 15 ta’ Mejju, 2001 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. C), ffirmati fl-ewwel kaz mill-konvenut Abdussalam Mohammed Fituri biss sal-ammont ta’ disghin elf Lira Maltija, u fit-tieni kaz mill-istess konvenut flimkien u solidament ma’ martu Mariam Taher Hamza Fituri sal-ammont ta’ hmistax-il elf Lira Maltija;

Premess illi permezz ta’ l-istess guarantee forms hawn fuq imsemmija, il-konvenut Abdussalam Mohammed Fituri huwa debitur tas-socjeta’ attrici flimkien u solidament mas-socjeta’ konvenuta Di Carina Holdings Limited mhux biss ghall-ammont kapitali kollu u ghall-imghax relattiv mid-data tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Settembru tas-sena 2002 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok D) imma wkoll ghall-imghax ta’ 8% akkumulati fuq l-ammont ta’ mija u hamest’elef Lira Maltija (ammont garantit permezz taz-zewg guarantee forms surreferiti) mill-24 ta’ Marzu, 2002, u cioe’ sitt xhur qabel ma giet intavolata l-ittra ufficjali, u dan ai termini tal-klawsola Numru 2 tal-guarantee forms imsemmija;

Premess illi permezz ta’ l-istess guarantee forms hawn fuq imsemmija, il-konvenuta Mariam Taher Hamza Fituri

hija debitrici tas-socjeta' attrici flimkien u solidament mas-socjeta' konvenuta Di Carina Holdings Limited mhux biss ghall-ammont kapitali kollu u ghall-imghax relattiv mid-data tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Settembru tas-sena 2002 (kopja hawn annesa u mmarkata Dok E) imma wkoll ghall-imghax ta' 8% akkumulati fuq l-ammont ta' hmistax-il elf Lira Maltija (ammont garantit permezz tal-guarantee form surreferita) mill-24 ta' Marzu, 2002, u cioe' sitt xhur qabel ma giet intavolata l-ittra ufficjali, u dan ai termini tal-Klawsola Numru 2 tal-guarantee forms imsemmija;

Premess illi, avolja interpellati biex ihallsu dan l-ammont permezz ta' ittri ufficjali tal-24 ta' Settembru tas-sena 2002 (kif jirrizulta mill-annessi dokumenti Dok D, Dok E u Dok F), il-konvenuti jew min minnhom baqghu inadempjenti;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peres li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenuti jew min minnhom m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talba ta' l-istess socjeta' attrici;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti, dispensat is-smiegh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 167 et. Seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura civili (Kap12) tal-Ligijiet ta' Malta, u in vista ta' l-affidavit guramentat hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

1. tiddecidi l-kawza skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh;

2. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta kif ukoll il-garanti solidali Abdussalam Mohammed Fituri u Mariam Taher Hamza Fituri huma ilkoll debituri ghall-ammont ta' Lm91,083.92 konsistenti fir-rigward Lm80,000 kapital misluf in segwitu ta' facilita' ta' self moghtija b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tat-tnejn ta' Gunju tas-sena elfejn flimkien ma' l-ammont ta' Lm11,083.92, imghaxijiet ta' 8% akkumulati fuq l-imsemmi kapital mid-data tas-self imsemmi sat-28 ta' Jannar, 2003; kif ukoll ghall-ammont ta' Lm20.872.67 rapprezentanti fir-rigward ta'

Lm18,788.90 kapital misluf lilha permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tat-tlieta ta’ Awissu tas-sena elfejn u wiehed flimkien ma’ l-ammont ta’ Lm2,083.77, imghaxijiet ta’ 8% akkumulati fuq l-imsemmi kapital mit-3 ta’ Settembru, 2001 sat-22 ta’ Jannar, 2003; u in kwantu ghall-ammont ta’ Lm11,801.35 kapital misluf lilha permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tat-tnejn ta’ Gunju tas-sena elfejn flimkien ma’ l-ammont ta’ Lm325.91, imghaxijiet ta’ 8% akkumulati fuq l-imsemmi kapital mill-24 ta’ Settembru, 2002 sat-28 ta’ Jannar, 2003;

3. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma hawn fuq imsemmija li giet mislufa lis-socjeta’ konvenuta Di Carina Holdings Limited u garantita flimkien u solidament mill-konvenuti Abdussalam Mohammed Fituri u martu Mariam Taher Hamza Fituri kemm bil-garanzija solidali redatta fil-kuntratti hawn annessi kif ukoll bil-private guarantee forms surreferiti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datata 24 ta’ Settembru, 2002, u bl-interessi legali ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet lil PL. Adrian Borg ghas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------